**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kumpilazzjoni Numru: 28/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**

**vs**

**AB**

**Illum: 28 ta' Frar 2022**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **AB.**

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, fit-13 ta' Jannar 2020, għall-ħabta tat-tmienja ta' filgħaxija (8:00 p.m.) u fis-sigħat u/jew ġranet ta' qabel ġewwa Valletta b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Ikkaġuna lil ommu CD u oħtu BC, biża li se tintuża vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta` tagħhom jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti tagħhom.

U talli nhar is-7 ta' Jannar 2020 fil-ħinijiet ta' bejn l-erbgħa ta' wara nofsinhar (4:00pm) u d-disgħa ta' filgħaxija (9:00 pm) ġewwa Valletta b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

2. Volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe` offiża ta' natura ħafifa ta' importanza żgħira fuq il-persuna ta' CD hekk kif iċċertifikat Dr. Chanelle Gatt (Med. Reg. 4422) mill-klinika tal-Furjana;

3. Volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara tammonta għal anqas minn elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) għad-dannu ta' ommu CD;

4. Volontarjament qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagħa fil-pubbliku;

5. Bil-lejl, volontarjament kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat jew b'mod ieħor;

6. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet b'xi mod mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali;

7. Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil ommu CD u oħtu BC;

8. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni lil ommu CD u oħtu BC;

9. Kiser Ordni ta' *Probation* a tenur tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta fejn kien ġie misjub ħati b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr. Josette Demicoli nhar it-3 ta' Diċembru 2019, fejn ġie liberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu.

Il-Qorti ġiet mitluba toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluż fil-mori tal-kawża kontra AB u a benefiċċju ta' ommu CD u oħtu BC u l-familjari tagħhom u dan fit-termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija, tipprovdi għall-persuni ta' ommu CD u oħtu BC jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil AB b'obbligazzjoni tiegħu innifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 *et seq* tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq.
Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas tal-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.[1]

[1] Fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2021, il-Qorti laqgħet it-talba tal-Prosekuzzjoni għall-korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni odjerna ossia fl-ewwel, fis-seba' u fit-tmien imputazzjonijiet, kif ukoll fit-talba għall-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni u fit-talba a tenur tal-Artikolu 383 *et seq* tal-Kodiċi Kriminali u dan fis-sens illi l-isem 'Mourad' jiġi sostitwit bl-isem 'Monia'.

Rat illi waqt l-eżami tiegħu skont il-liġi, l-imputat wieġeb illi ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, kif ukoll illi mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;[2]

Rat in oltre il-kunsens tal-Avukat Ġenerali fit-termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodiċi Kriminali, sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat illi fis-seduta tat-28 ta' April 2021, l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha kif miġjuba kontra tiegħu, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed biex jerġa' jikkonsidra t-tweġiba tiegħu u jerġa' lura minnha;[3]

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruħha għad-deċiżjoni tal-Qorti fir-rigward tal-piena u t-trattazzjoni tad-difiża dwar l-istess.

**Ikkunsidrat:**

Illi kif ingħad iżjed 'il fuq, l-imputat irreġistra ammissjoni fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha kif miġjuba kontra tiegħu. Minkejja dan, il-Qorti ma tistax issib ħtija fl-imputat dwar l-imputazzjonijiet kif dedotti, u dan fid-dawl tas-segwenti riżultanzi proċesswali:

Salv għall-ewwel imputazzjoni, il-bqija tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat jirreferu lkoll għas-7 ta' Jannar 2020 bejn l-4.00 p.m. u d-9.00 p.m. L-ewwel imputazzjoni, imbagħad, tirreferi għat-13 ta' Jannar 2020 għall-ħabta tat-8.00 p.m. u fis-sigħat u/jew ġranet ta' qabel. Mill-atti proċesswali, madankollu, jirriżulta illi l-inċidenti li taw lok għall-imputazzjonijiet odjerni seħħew mhux fis-sena indikata ossia fis-sena 2020, iżda fis-7 ta' Jannar 2021 u fit-8 ta' Jannar 2021. Il-Qorti tinnota illi l-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni sabiex isostnu l-imputazzjonijiet odjerni jirreferu lkoll għal dak li seħħ fis-7 u fit-8 ta' Jannar 2021. Ir-rapport tal-Pulizija dwar il-każ jirreferi għas-7 ta' Jannar 2021, kemm in kwantu d-data li fiha sar ir-rapport da parti ta' CD u BC fil-konfront tal-imputat odjern, kif ukoll in kwantu d-data li fiha seħħew l-inċidenti li huma marru jirrappurtaw.[4] Bl-istess mod, iċ-ċertifikat dwar il-ġrieħi sofferti minn CD jġib id-

[2] L-imputat wieġeb b'dan il-mod kemm fl-eżami li sar lilu fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2021, kif ukoll waqt l-eżami li sarlu fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2021, wara li saret korrezzjoni fl-imputazzjonijiet, kif ingħad iżjed 'il fuq (ara a fol. 7 u a fol. 38 tal-proċess).
[3] Ara a fol. 79 tal-proċess.
[4] Ara a fol. 11 *et seq* tal-proċess.

data tas-7 ta' Jannar 2021 fl-10:16 p.m.[5] u ir-rapport tal-Aġenzija Appoġġ inkluż ir-*Risk Assessment* li sar da parti tal-istess Aġenzija fil-konfront ta' CD u BC wkoll iġibu l-istess data.[6] In oltre fix-xhieda tagħhom f'dawn il-proċeduri, kemm BC, oħt l-imputat odjern, kif ukoll CD, omm l-istess imputat, xehdu dwar dak li seħħ fis-7 ta' Jannar 2021 u l-għada t-8 ta' Jannar 2021. BC fil-fatt tixhed b'referenza għas-7 ta' Jannar "*ta' din is-sena*" – evidentement is-sena 2021 la darba hija xehdet nhar is-27 ta' Jannar 2021 u bl-istess mod CD tixhed b'referenza għall-Ħamis, is-7 tax-xahar u tikkonferma li kienet qed tirreferi għal "*dan ix-xahar*" ossia għalhekk ix-xahar li xehdet fih. Bħal bintha, hija xehdet fis-27 ta' Jannar 2021.[7] Il-Qorti qed tieħu wkoll konjizzjoni tal-fatt illi s-7 ta' Jannar 2021 kien verament jaħbat nhar il-Ħamis kuntrarjament għas-7 ta' Jannar 2020 li kien it-Tlieta. Mir-rapport tal-Pulizija dwar il-każ, imbagħad, jirriżulta wkoll illi wara r-rapport ta' omm u oħt l-imputat fis-7 ta' Jannar 2021, l-Ispettur Eman Hayman ordna li l-imputat jiġi arrestat, b'dan illi ma setax jinstab għal xi jiem, sakemm finalment ġie arrestat nhar it-13 ta' Jannar 2021 u mressaq quddiem il-Qorti sabiex iwieġeb għall-imputazzjonijiet odjerni nhar l-14 ta' Jannar 2021.

Għalhekk, minkejja li l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, il-Qorti ma tistax issib lill-istess imputat ħati ta' dawn l-imputazzjonijiet li jirreferu għal reati li seħħew nhar is-7 ta' Jannar 2020 u nhar it-13 ta' Jannar 2020 u fis-sigħat u/jew fil-ġranet ta' qabel din id-data, meta huwa evidenti mill-atti proċesswali illi l-atti li taw lok għall-imputazzjonijiet odjerni seħħew fis-sena ta' wara ossia fis-sena 2021. L-artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid hekk:

> "Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, <u>bil-partikularitajiet ta' żmien</u> u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw...".

Fis-sentenza tagħha tad-19 ta' Novembru 2016, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Andre` Falzon</u>**, il-Qorti tal-Appell Kriminali rreferiet għal sentenza oħra tal-istess Qorti, diversament preseduta tat-18 ta' Ottubru 2005, fil-każ fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs John Mary Briffa</u>**, fejn l-appellant kien ġie akkużat b'reati li allegatament seħħew fis-7.30 p.m., fil-waqt illi l-provi mressqa kienu jirreferu għal incident li seħħ għall-ħabta tas-7.30 a.m. F'dak il-każ, ingħad hekk:

> "L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat fl-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif

[5] Ara a fol. 21 tal-proċess.
[6] Ara a fol. 22 *et seq* tal-proċess.
[7] Ara x-xhieda ta' BC, a fol. 39 sa 55 tal-proċess u x-xhieda ta' Maria Giovanna Alexandra Merbah, a fol. 56 sa 66 tal-proċess.

> fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta'" tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi fl-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament."

Fil-każ **Il-Pulizija vs Andre` Falzon**, fejn l-imputat ukoll kien irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, bħal fil-każ odjern, il-Qorti tal-Appell Kriminali rreferiet ukoll għal sentenzi oħrajn li kkonfermaw dan il-prinċipju[8], u kompliet hekk:

> "Stabbiliti dawn il-principji dottrinali u applikati ghall-kaz in ezami huwa car allura illi l-appellanti kellu jigi illiberat mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu billi dawn jirreferu ghal perijodu ta' zmien differenti minn dak li fih sehhew l-allegati fatti li wasslu ghall-imputazzjoni odjerna. Illi allura billi l-Prosekuzzjoni naqqset milli tinduna b'dan l-izball u tirrettifikah fil-hin opportun, u billi l-Avukat Generali huwa issa fi stadju ta' appell prekluz milli jitlob il-korrezzjoni mehtiega biex tigi sanata l-akkuza, ma hemmx dubbju illi l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra l-appellanti ma jistghux jissussistu billi fid-data indikata fl-akkuza l-appellanti ma ikkomettiex ir-reati lilu addebitati."

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ odjern, huwa ċar illi la darba l-imputazzjonijiet odjerni jirreferu għal Jannar tas-sena 2020, meta l-atti proċesswali jirreferu għal dak li allegatament seħħ nhar is-7 u nhar it-8 ta' Jannar 2021, minkejja l-ammissjoni tiegħu, l-imputat ma jistax jinstab ħati tal-imputazzjonijiet kif dedotti.

## Konklużjoni

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat **AB** mhux ħati tal-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tiegħu u qegħda tilliberah minnhom.

Tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem l-allegati vittmi CD u BC, kif ukoll tal-imputat AB u dan sabiex ma jiġux identifikati ż-żewġ persuni appena msemmija.

Dr. Natasha Galea Sciberras
Maġistrat

[8] **Pulizija vs Warren Piscopo** u **Pulizija vs Rita Theuma**, it-tnejn deċiżi mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Ottubru 2011.